



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2014
COM(2014) 537 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar il-Politiki tal-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili tal-
Unjoni Ewropea u l-Implimentazzjoni tagħhom fl-2013**

Werrej

Punti ewlenin.....	3
Kuntest globali.....	4
<i>L-emerġenzi qed jiżdiedu</i>	4
<i>Ksur tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali</i>	5
<i>Żminijiet ekonomiċi diffiċli</i>	5
OPERAZZJONIJIET ta' għajnuna umanitarja	6
<i>Tħejjija għad-diżastri u reżiljenza</i>	11
<i>Tfal tal-Paċi tal-UE</i>	12
<i>Rabta ma' strumenti oħra tal-UE</i>	12
Operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili.....	12
Riżorsi umani u finanzjarji.....	14
Politika tal-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili.....	17
Konklużjoni	19

Introduzzjoni

Dan ir-Rapport Annwali jiddefinixxi l-kisbiet politiċi ewlenin u l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, imwettqa prinċiparjament mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO) matul l-2013. Filwaqt li ma jiddeskrivix fid-dettall ix-xogħol u l-azzjonijiet kollha mwettqa, jippreżenta l-attivitajiet primarji u l-iżviluppi ewlenin.

Il-mandat tal-ECHO jinkludi kemm l-assistenza umanitarja kif ukoll il-protezzjoni ċivili. Permezz ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi ewlenin l-Unjoni Ewropea (UE) tista' tiżgura l-għoti ta' assistenza ta' soksors rapida u effettiva lil nies li jiffaċċjaw il-konsegwenzi immedjati ta' diżastri.

L-għajnuna umanitarja pprovduta mill-UE toffri assistenza ta' soksors lill-persuni l-aktar fil-bżonn f'pajjiżi terzi. Hija tagħti toffri għajnuna vitali lil dawk milquta minn diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem, u tnejni lill-komunitajiet li jkunu vittmi ta' kriżijiet rikorrenti biex jiffaċċjaw l-effetti ta' emerġenzi futuri. B'mod komplimentari mal-assistenza umanitarja, l-operazzjonijiet ta' **protezzjoni ċivili** joffru appoġġ immedjat permezz ta' timijiet ta' esperti, tagħmir ta' salvataġġ u monitoraġġ f'ħin reali, ta' diżastri li jkunu qed jiżviluppaw, kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll lil hinn minnha.

Kull meta jfaqqaq' diżastru, l-assistenza tkun meħtieġa immedjatament. F'dan il-kuntest intervent fil-pront u effettiv mill-komunità internazzjonali jista' jagħmel differenza bejn ħajja u mewt. **Aktar minn nofs¹ il-finanzjament globali provdut biex jindirizza l-ħtiġijiet ta' persuni milquta minn sitwazzjonijiet ta' diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem huwa pprovdut mill-UE u l-Istati Membri tagħha.** Permezz tal-azzjonijiet umanitarji tagħha, l-UE tipprovdi reazzjoni immedjata għad-diżastri, tnejni komunitajiet għall-isfidi li jkunu ġejjin u tippromwovi bil-qawwa r-rispett għal-liġi umanitarja internazzjonali.

PUNTI EWLENIN

Permezz tal-istrumenti tal-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, fl-2013 l-UE pprovdiet assistenza ta' emerġenza sostanzjali bbażata fuq il-bżonnijiet, **b'finanzjament totali ta' EUR 1 353 miljun f'impenji².**

Xi fatti u ċifri ewlenin:

- Kienu meġġuna madwar **124 miljun persuna³** milquta minn diżastri naturali, magħmula mill-bniedem jew kriżijiet li jieħdu fit-tul;
- Inġhatat għajnuna umanitarja f'**aktar minn 90 pajjiż mhux tal-UE**;
- L-UE flimkien mal-Istati Membri tagħha kienet fuq ta' quddiem nett fil-**kriżijiet il-kbar kollha** madwar id-dinja, notevolment b'reazzjoni għall-kriżi tas-Sirja, u kienet l-**akbar donatur ta' għajnuna internazzjonali**;
- **Kollaborazzjoni bla preċedent tal-UE** ġiet mobilizzata matul il-mega diżastru kkawżat mit-tifun Haiyan fil-Filippini; Inġhataw EUR 180 miljun mill-UE u l-Istati Membri tagħha, minbarra assistenza in natura;

¹ Skont l-aktar informazzjoni riċenti disponibbli (2013) (Assistenza Umanitarja Globali: <http://www.globalhumanitarianassistance.org>).

² EUR 1 326 miljun għal għajnuna umanitarja u EUR 27 miljun għall-protezzjoni ċivili (EUR 20 miljun fl-UE, EUR 7 miljun barra mill-UE).

³ Li minnhom 106 miljun persuna ġew meġġuna permezz ta' għajnuna umanitarja u għajnuna alimentari u 18-il miljun persuna permezz ta' programmi ta' tnejni għad-diżastri.

- **L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE⁴** kienet ikkonfermata; din se toffri 18 000 opportunità ta' volontarjat bejn l-2014 u l-2020;
- **Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE⁵** ġie attivat **36 darba** (wara talbiet għall-assistenza, għal twissijiet minn qabel, u/jew monitoraġġ);

Fl-2013 sar pass importanti bl-inawgurazzjoni ta' **Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC)** f'Mejju 2013, li jiffaċilita ħafna l-immaniġġjar tal-operazzjonijiet – speċjalment f'termini ta' koordinazzjoni u reazzjoni għad-diżastri – b'sistema ta' tħaddim sħiħa 24/7 (mill-1 ta' Ottubru 2013). Il-missjoni ewlenija tal-ERCC hija li tipprovdi appoġġ operazzjonali, sensibilizzazzjoni u analiżi tas-sitwazzjoni integrati għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet permezz kemm tal-istrument tal-għajnuna umanitarja kif ukoll tal-protezzjoni ċivili.

KUNTEST GLOBALI

L-emerġenzi qed jiżdiedu

Madwar id-dinja, id-diżastri naturali qed jiżdiedu fil-frekwenza, il-kumplessità u s-severità u dawn qed jiġu aggravati minn sfidi bħat-tibdil fil-klima, l-urbanizzazzjoni rapida u s-sottożvilupp. Anki l-kunflitti armati u l-kriżijiet fit-tul qabdu xejriet globali inkwetanti. Matul l-2013, bħala l-ikbar donatriċi umanitarja fid-dinja, l-UE u l-Istati Membri tagħha rreaġixxew b'determinazzjoni għal dawn l-isfidi.

Is-sena 2013 kienet immarkata minn għadd għoli ħafna ta' kriżijiet u diżastri umanitarji, u minn vulnerabbiltà kbira. Ix-xejriet annwali jindikaw li l-ħtiġijiet qegħdin dejjem aktar ikunu akbar mir-riżorsi disponibbli. It-twassil tal-għajnuna umanitarja u tal-protezzjoni ċivili qiegħed ukoll isir aktar kumpless u minħabba l-frekwenza u l-intensità tad-diżastri naturali b'konsegwenzi kbar, il-kriżijiet umanitarji qed jiġru bi preavviż iqsar minn qabel.

Statistika ppubblikata mi' Ċentru għar-Riċerka dwar l-Epidemjoloġija tad-Diżastri (CRED)⁶ u l-Uffiċċju tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju mid-Diżastri (UNISDR)⁷ turi li kien hemm 356 diżastru naturali ta' daqs varjabbli matul l-2013⁸. Dawn id-diżastri qatlu aktar minn 20 000 persuna u affettwaw 99 miljun persuna madwar id-dinja kollha. Fil-livell globali, **l-Asja reġgħet kienet għal darb'oħra l-kontinent l-aktar affettwat minn diżastri naturali.** Dan kien rifless kemm f'termini ta' għadd ta' diżastri (44 % tad-diżastri madwar id-dinja) kif ukoll fl-għadd ta' vittmi (80 %). L-impatt tad-diżastri fuq ekonomiji inqas żviluppati huwa partikolarment sinifikanti: pereżempju, il-ħsara kkawżata mit-Tifun Haiyan fil-

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 dwar l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ġie adottat fit-3 ta' April 2014. Madwar 18 000 individwu se jipparteċipaw fl-inizjattiva mill-2014-2020, permezz ta' bigħt ta' ċittadini tal-UE bħala voluntiera li jħarrġu nies minn pajjiżi li mhumiex fl-UE milquta minn diżastri u opportunitajiet ta' volontarjat onlajn. Għal aktar informazzjoni: <http://ec.europa.eu/echo/en/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers>

⁵ Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE (EUCPM) fl-2013 kien jikkonsisti minn 32 stat (28 Stat Membru tal-UE kif ukoll dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja), li jikkooperaw fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u nħoloq biex jappoġġja l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu, iħejju għal u tirreaġixxu għal diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem fl-UE jew lil hinn minnha. L-assistenza tista' tieħu l-forma ta' assistenza *in natura*, tagħmir u timijiet, jew tinvolvi li jintbagħtu esperti biex iwettqu valutazzjonijiet. Tiddependi fuq ir-riżorsi tal-gvern u, jekk ikun hemm bżonn ta' assistenza f'pajjiżi lil hinn mill-UE, ġeneralment taħdem b'mod parallel mal-għajnuna umanitarja. Il-qalba operattiva tal-EUCPM huwa ċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC) aċċessibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Kwalunkwe pajjiż, fl-UE jew mhux, affettwat minn diżastru jew mgħakkes mill-kobor tiegħu jista' jappella għal għajnuna permezz tal-ERCC.

⁶ www.cred.be.

⁷ www.unisdr.org.

⁸ Skont l-istess sorsi, fl-2012 kien hemm 310 diżastru naturali ta' daqsijiet differenti.

Filippini u mill-għargħar fil-Bangladexx u l-Możambik. L-Afrika kienet affettwata ħafna kemm min-nixfa kif ukoll mill-għargħar. Il-konsegwenzi tad-diżastri maġġuri kienu devastanti u varjati: intilfu l-ħajjiet, u nqerdu djar, uċuħ ta' raba' u l-għajxien ta' nies.

Ksur tal-Liġi Umanitarja Internazzjonali

Il-kunflitti armati mhux internazzjonali jibqgħu l-kawża prinċipali tad-diżastri umanitarji magħmula mill-bniedem, bil-popolazzjonijiet ċivili tkun dejjem aktar esposta għall-vjolenza u s-sofferenza. F'kunflitti ta' dan it-tip ħafna drabi jkun hemm nuqqas ta' rispett, mill-awturi, lejn il-liġi umanitarja internazzjonali (IHL) u l-prinċipji tagħha. Is-sena 2013 rat l-organizzazzjonijiet umanitarji jaffaċċjaw problemi dejjem akbar biex jiksbu aċċess għal nies li jeħtieġu l-għajnuna. Il-gvernijiet u l-milizzji jew il-gruppi armati ħafna drabi jċekknu l-ispazju umanitarju u xi drabi jinjoraw il-protezzjoni l-aktar bażika garantita mill-IHL.


Ir-restrizzjonijiet tal-aċċess li ħabbtu wiċċhom magħhom l-organizzazzjonijiet umanitarji kienu l-iktar prevalenti f'żoni ta' kunflitt u/jew fejn kien hemm nuqqas evidenti tal-istat tad-dritt minħabba ostakoli politiċi. Fl-2013 is-sitwazzjoni u l-ambjent operazzjonali kumplessivi ddeterjoraw, partikolarment fis-Sirja, l-Afganistan u r-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR). F'pajjiżi oħrajn, ma ġie osservat l-ebda titjib fis-sigurtà mis-sena l-oħra, b'mod partikolari fis-Somalja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) u l-Jemen. F'ħafna żoni ta' kunflitt (eż. is-Somalja, is-Sirja u l-CAR) il-ħaddiema umanitarji raw metodi ta' gwerra partikolarment brutali. Dawn kienu jinkludu attakki fuq nies ċivili u l-użu ta' vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra.

L-inċidENZA ta' **attakki fuq ħaddiema tal-għajnuna umanitarja**, inklużi ħtif, espulsjonijiet u qtil, kienet fil-livell tal-2012. Atturi umanitarji jkollhom il-ħin kollu jindirizzaw riskji bħal dawn biex jimitigawhom.

Żminijiet ekonomiċi diffiċli

Matul l-aħħar ftit snin l-impatt tad-diżastri madwar id-dinja kollha ġebbed bi kbir il-kapaċità ta' reazzjoni tal-komunità umanitarja internazzjonali. Fl-2013, in-Nazzjonijiet Uniti nedew l-akbar appell konsolidat ta' finanzjament li qatt sar għal USD 13-il biljun għal bżonnijiet umanitarji f'24 pajjiż. Hemm **distakk dejjem jikber bejn il-bżonnijiet umanitarji globali li qegħdin jogħlew, minn naħa waħda, u r-riżorsi finanzjarji disponibbli dejjem aktar skarsi** biex jirrispondu għal dawn il-bżonnijiet, min-naħa l-oħra. Dan huwa l-każ speċjalment fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja li laqtet ħafna pajjiżi donaturi tal-Punent. Il-vulnerabilità kronika preżenti f'ħafna partijiet tad-dinja hija kkumplikata aktar mill-kriżi ekonomika globali.

Dan ifisser li donaturi għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jirreaġixxu għad-diżastri b'mod iktar effiċjenti, billi jagħmlu użu iktar aħjar mir-riżorsi limitati tagħhom. Għall-Kummissjoni, dan ifisser l-identifikazzjoni ta' żieda fl-effiċjenza meta tkun qed taħdem mas-sħab tagħha.



OPERAZZJONIJIET TA' GĦAJNUNA UMANITARJA

Il-mandat tal-UE skont l-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-**Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja**⁹ u l-**Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja**¹⁰ huwa li tiġi salvata u ppreservata l-ħajja. L-operazzjonijiet tal-UE jimmiraw ukoll li jipprevjenu jew inaqqsu s-sofferenza u li tiġi salvagwardjata l-integrità u d-dinjità tal-individwi billi tingħata għajnuna u protezzjoni fi żminijiet ta' kriżijiet umanitarji. Il-Kummissjoni tiffaċilita wkoll il-koordinazzjoni ma' u fost l-Istati Membri tal-UE dwar azzjoni u politika umanitarja, sabiex issaħħaħ l-effiċjenza u l-komplementarjetà¹¹ tal-assistenza umanitarja.

Il-prijorità kumplessiva hija li jiġi żgurat li l-għajnuna tiġi mmaniġġjata bl-aktar mod effiċjenti possibbli, u b'hekk jiġi garantit li l-assistenza li l-UE twassal lin-nies fil-bżonn jkollha l-effett massimu u tirrispetta l-prinċipji tal-liġi internazzjonali. L-UE tirrispetta dejjem il-**prinċipji umanitarji** tal-imparzjalità, in-newtralità, l-umanità u l-indipendenza, u tipprovi għajnuna mingħajr rigward għal kwalunkwe aġendi politiċi u irrISPETTIVAMENT min-nazzjonalità tal-vittmi u r-reliġjon, il-ġeneru, l-oriġini etnika jew l-affiljazzjoni politika tagħhom.

Fl-2013, l-UE ffinanzjat operazzjonijiet f'għadd ta' emerġenzi li rriżultaw minn katastrofi naturali inkluż:

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja.
¹⁰ Il-Kunsens huwa dikjarazzjoni konġunta bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-UE u l-Parlament Ewropew li tistabbilixxi viżjoni komuni mmirata biex ittejjeb l-koerenza, l-effettività u l-kwalità tar-reazzjoni umanitarja tal-UE.
¹¹ Artikolu 214(6) tat-TFUE

- Iċ-ċiklun tropikali Haiyan li laqat **il-Filippini** f'Novembru 2013 u kkawża ħsara u deżolazzjoni bla preċedent. It-tifun, fost l-akbar li qatt ġie rreġistrat, ħalla eluf mejta u madwar 4 miljun ruħ spustati u affettwa bejn 14 u 16-il miljun ruħ. Timijiet ta' esperti tal-protezzjoni ċivili u umanitarja mill-UE ntbagħtu fiż-żoni l-aktar milquta fi żmien ftit sigħat wara d-diżastru, biex joffru appoġġ għall-isforzi ta' sokkors u jivvalutaw l-aktar bżonnijiet akuti. L-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew għajjnuna umanitarja kunsiderevoli u assistenza in natura, li qabżet EUR 180 miljun. Fuq talba tal-Gvern tal-Filippini, ġie attivat il-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-UE, li jippermetti koordinazzjoni msaħħa tal-isforzi ta' sokkors Ewropej u l-faċilitazzjoni ta' loġistika, inkluż permezz ta' kontribuzzjonijiet tal-UE għall-ispejjeż tat-trasport. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tagħti appoġġ biex tgħin fir-riabilitazzjoni fit-terminu medju, biex b'hekk tgħin lill-poplu fl-isforzi tiegħu biex jerġa' jibni ħajtu.
http://ec.europa.eu/echo/files/aid/countries/factsheets/philippines_haiyan_en.pdf
- Fis-**Saħel**, il-kriżi persistenti tal-ikel u n-nutrimient kompliet tipperikola l-ħajja ta' miljuni ta' nies: kważi 16-il miljun ruħ kienu f'riskju ta' nuqqas ta' ikel, u fost dawn, tmien miljuni kienu fi bżonn ta' assistenza ta' emerġenza fl-ikel. Il-bini tar-reżiljenza għall-komunitajiet l-aktar vulnerabbli biex ikunu jistgħu jaffaċċjaw il-kriżijiet futuri, kien prijorità fl-2013. Unitajiet domestiċi vulnerabbli kienu qed jitħabtu biex jirkupraw wara l-kriżi severa tal-ikel u n-nutrizzjoni li laqtet ir-reġjun fl-2012. Għal dan l-għan, l-UE kienet mutur ewlieni biex ġiet stabbilita l-inizjattiva AGIR-Saħel¹², li tlaqqa' lill-partijiet konċernati fil-mira ta' 'Daqshekk Ġuħ' (Zero Hunger) għas-Saħel matul l-20 sena li ġejjin. Sostenn biex tinbena r-reżiljenza huwa prijorità politika ewlenija kemm madwar id-dinja kif ukoll fl-Ewropa. Il-Pjan Majjistru Reġjonali AGIR għall-Prijoritajiet ta' Reżiljenza, li jstabbilixxi prinċipji, azzjonijiet prijoritarji u indikaturi f'ħafna dettall, ġie adottat formalment f'Pariġi f'April 2013 mill-organizzazzjonijiet reġjonali u donaturi prinċipali li jgħinu lis-Saħel.
http://ec.europa.eu/echo/files/aid/countries/factsheets/sahel_en.pdf
- Tliet snin wara t-terremot devastanti tal-2010, il-bżonnijiet umanitarji f'**Haiti** għadhom kbar. Mill-1,5 miljun ruħ oriġinali, 130 000 persuna kienu għadhom spustjati, il-pajjiż kien għad għandu l-akbar epidemija tal-kolera fid-dinja u kien qed jaffronta nuqqas ta' sigurtà strutturali fl-ikel. L-UE baqgħet impenjata bis-sħiħ biex tgħin lis-superstiti ta' Haiti. Fl-2013 ġew allokat EUR 30,5 miljun f'għajjnuna umanitarja tal-UE biex jgħinu aktar lill-persuni bla dar, lill-vittmi tal-kolera kif ukoll lil dawk milquta minn l-uragan Sandy u t-tempesta tropikali Isaac. Bl-għajjnuna tal-fondi tal-UE, l-organizzazzjonijiet umanitarji wettqu firxa wiesgħa ta' operazzjonijiet ta' emerġenza. Bħala eżempju tal-impatt konkret tal-isforzi tal-UE biex tiġi indirizzata l-epidemija tal-kolera, fl-ewwel sena wara li faqqgħet, il-finanzjament tal-UE għamilha possibbli li jiġi kkurati 158 814 ruħ, jiġu sostnuti 26 faċilita tas-saħħa u jiġu pprovduti 42 unità tal-kura, reidrazzjoni orali ta' 122 500 ruħ, aċċess għal faċilitajiet tas-sanità aħjar għal 894 511 ruħ u d-distribuzzjoni ta' kits tal-iġjene għal 1,3 miljun ruħ. Ir-reazzjoni tal-UE kkontribwiet biex jonqos l-għadd ta' każijiet ġodda u jiġu salvati għadd sinifikanti ta' ħajjiet, peress li rata tal-mortalità naqset bin-nofs minn 2,4 % f'Novembru 2010 għal 1,2 % f'Diċembru 2013.
http://ec.europa.eu/echo/files/aid/countries/factsheets/haiti_en.pdf

¹²

AGIR — l-Alleanza Globali għall-Inizjattiva tar-Reżiljenza

Barra minn hekk, l-UE tat għajnuna umanitarja biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tad-**diżastri naturali** li ġejjin:

- nixfa fi: il-Kambodja, il-Vjetnam, il-Laos, il-Messiku, Ġibuti u l-Etjopja
- għargħar fi: il-Bangladexx, il-Kambodja, il-Vjetnam, il-Laos, l-Indja, l-Etjopja, il-Kenja, il-Możambik, in-Niġerja, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini;
- ċikluni/uragani/tempesti tropikali fi: il-Filippini, il-Bangladexx, il-Kambodja, il-Vjetnam, ir-Repubblika Dominikana, Kuba, Ħaiti, il-Ġamajka, il-Paċifiku;
- terremoti fi: il-Filippini, l-Indoneżja;
- epidemiji fi: l-Afganistan, il-Burkina Faso, is-Somalja, ir-RDK, in-Niġerja, iż-Żimbabwe, il-Kenja, ir-Repubblika Dominikana, il-Messiku, il-Laos, il-Kirgiżistan.

Fl-indirizzar ta' dan it-tip ta' diżastri, il-Kummissjoni adottat strateġija fuq żewġ binarji:

- Reazzjoni mgħaġġla, billi tiġi pprovduta għajnuna umanitarja u billi tiġi ffaċilitata u kkoordinata l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili.
- Tħejjija għad-diżastri, billi jiġu identifikati dawk iż-żoni ġeografiċi u l-popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli għad-diżastri naturali u li għalihom huma stabbiliti programmi speċifiċi ta' tħejjija għad-diżastri. Fl-2013, l-UE kompliet is-sostenn tagħha għall-programmi DIPECHO¹³ fil-Kawkasu tan-Nofsinhar (l-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja), il-Karibew, l-Amerika Ċentrali, l-Amerika t'Isfel, il-Paċifiku, in-Nofsinhar tal-Afrika u l-Asja Ċentrali.

F'termini ta' **kriżijiet maħluqa mill-bniedem**, l-UE appoġġjat operazzjonijiet ta' sokkors f'diversi kunflitti, li wħud minnhom issa huma kkunsidrati **kriżijiet fit-tul u kumplessi**:

- Il-kunflitt u l-gwerra ċivili b'effetti kbar fis-**Sirja**, b'esodu massiv ta' refuġjati Sirjani lejn il-pajjiżi ġirien (inkluż il-Libanu, it-Turkija, il-Ġordan u l-Iraq) kien jitlob reazzjoni umanitarja tal-UE fuq skala kbira sa mill-bidu nett. Hu stimat li 9,3 miljun ruħ, li kważi nofshom huma tfal, sa tmiem l-2013 kienu affettwati mill-vjolenza li qed isseħħ u kienu fi bżonn ta' għajnuna umanitarja fis-Sirja. Sa tmiem l-2013 kienu ġew spostati internament madwar 6,5 miljun persuna filwaqt li l-għadd ta' refuġjati fil-pajjiżi ġirien – li f'Diċembru kien aktar minn 2,3 miljuni – jenfasizza d-dimensjoni reġjonali kumplessa tad-diżastru. L-għajnuna Ewropea laħqet lill-popolazzjoni milquta mill-kriżi fis-Sirja kif ukoll lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fir-reġjun u kellha impatt immedjat fuq dawk fil-bżonn ta' għajnuna. Fl-2013, l-UE mobilizzat EUR 350 miljun għal għajnuna umanitarja minbarra l-finanzjament tas-snin preċedenti, li tella' r-reazzjoni totali tal-UE u l-Istati Membri tagħha għal aktar minn EUR 2 biljuni minn tmiem l-2011. Barra minn hekk, assistenza materjali (bħal ambulanzi, heaters, kutri u pakketti tal-iġjene) ġiet pprovduta lill-pajjiżi ġirien li qed jospitaw lir-refuġjati Sirjani. Dan kien jinkludi appoġġ minn Stati Membri oħra lill-Bulgarija, li kellha fluss dejjem akbar ta' refuġjati Sirjani matul is-sena.

Filwaqt l-operazzjonijiet umanitarji tal-Kummissjoni taw l-akbar priorità lil operazzjonijiet li jsalvaw il-ħajjiet fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien, b'enfasi speċjali fuq l-aktar persuni vulnerabbli, inklużi persuni spustati internament

¹³ DIPECHO (Tħejjija għad-Diżastri - ECHO) huwa programm speċifiku ddedikat għat-tħejjija għad-diżastri. Huwa mmirat lejn komunitajiet vulnerabbli ħafna li jgħixu f'xi wħud mill-aktar reġjuni f'riskju ta' diżastru fid-dinja.

(IDPs), refuġjati u komunitajiet ospitanti¹⁴, strumenti oħra tal-UE (ENPI, DCI, IFS, IPA)¹⁵ kienu diretti lejn l-istabbilizzazzjoni u operazzjonijiet b'tul medju u twil, li ffukaw l-aktar fuq il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u t-titjib tas-servizzi bażiċi (ħasil, saħħa, edukazzjoni) lill-komunitajiet ospitanti kif ukoll it-titjib tal-opportunitajiet tal-ġhajxien għal dawn il-komunitajiet. Ġew organizzati, b'mod regolari, laqgħat ta' koordinazzjoni bejn is-servizzi differenti tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar il-kriżi fis-Sirja biex jiddiskutu l-istrateġiji u l-programmar ħalli l-impatt tar-rispons tal-UE jiġi mmassimizzat u jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' duplikazzjoni.

L-UE kellha rwol importanti fis-sejħa għal aktar fondi minn donaturi oħra, u fittxet li tiżgura li l-assistenza tkun tindirizza l-bżonnijiet tal-popolazzjonijiet spustati madwar is-Sirja kollha u mhux biss fil-punti sħan. L-UE ppromwoviet ukoll l-aċċess umanitarju biex jiżdied l-għadd tal-organizzazzjonijiet ta' sokkors awtorizzati jipprovdu assistenza fis-Sirja biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu. Aċċess bla xkiel għal żoni ta' kunflitt madwar il-pajjiż kollu u t-talba biex iċ-ċivili (inklużi l-ħaddiema umanitarji u l-persunal mediku) u l-faċilitajiet ikunu protetti kif xieraq kienu fost l-azzjonijiet ta' prijorità. http://ec.europa.eu/echo/files/aid/countries/factsheets/syria_en.pdf

- L-UE pprovdiet appoġġ umanitarju sinifikanti (EUR 77 miljun) lill-popolazzjoni fit-Tramuntana tal-**Mali** affettwata mill-kunflitt armat li għaddej bħalissa. Kważi 70 % tal-faċilitajiet tas-saħħa kienu qed jaħdmu u hu stmat li madwar 900 000 ruħ ibbenefikaw minn għajjnuna tal-ikel immirata bis-saħħa tal-appoġġ ipprovdut mis-sħab tal-UE. Mill-2013, il-Kummissjoni żgurat użu koordinat tal-għajjnuna umanitarja tal-UE u l-istrumenti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, fil-fażi ta' tranżizzjoni. Barra minn hekk, EUR 20 miljun kienu allokat i mill-Istrument għall-istabbiltà¹⁶ għal azzjonijiet fuq terminu qasir ta' stabbilizzazzjoni u sigurtà. Parti mill-għajjnuna umanitarja tal-UE lill-Mali ġiet approvata permezz ta' deċizzjoni EDF/LRRD¹⁷ ta' EUR 23 miljun. Dan il-pakkett kellu l-għan li jappoġġja l-aċċess għal servizzi bażiċi matul il-perjodu tranżizzjonali filwaqt li l-Kummissjoni, permezz tad-DEVCO, għamlet impenn inizjali ta' EUR 225 miljun f'kuntratt biex jinbena l-Istat ħalli tgħin lill-Gvern tal-Mali jirrestawra l-awtorità tal-Istat, id-dritt, l-ordni u d-demokrazija u jipprovdi servizzi bażiċi madwar il-Mali kollu. Fiż-żewġ pajjiżi, l-UE tat appoġġ attiv lir-refuġjati, billi rrestawrat l-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'enfażi fuq in-nutrizzjoni u l-assistenza tal-ikel u l-għoti ta' protezzjoni. http://ec.europa.eu/echo/files/aid/countries/factsheets/mali_en.pdf
- **Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR)** ilha f'sitwazzjoni umanitarja katastrofika minn Diċembru 2012. Għal żmien twil wisq, il-kriżi ma ngħatax attenzjoni sinifikanti mill-komunità internazzjonali usa'. Is-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni f'CAR kienet prijorità ewlenija għall-Kummissjoni fl-2013, u l-Kummissarju Georgieva wettqet żewġ missjonijiet fil-pajjiż kif ukoll ikkoorganizzat laqgħa ta' livell għoli dwar il-kriżi waqt l-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2013, flimkien man-Nazzjonijiet Uniti u Franza. L-UE

¹⁴ Il-Kummissjoni tat assistenza umanitarja multisettorjali lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti fil-pajjiżi ġirien kif ukoll lill-popolazzjonijiet milquta fis-Sirja fejn il-kenn/NFIs, l-ikel, il-ħasil, is-saħħa u l-protezzjoni kienu s-setturi ewlenin.

¹⁵ ENPI – Strument tal-politika ewropea dwar il-viceinat DCI – Strument tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; IFS – Strument għall-istabbiltà; IPA – Strument għall-assistenza ta' qabel l-adezzjoni


¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi

¹⁷ Ir-Rabta bejn l-Għajjnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp

allokat EUR 39 miljun f'għajnuna umanitarja lill-CAR – u b'hekk saret idonatur internazzjonali ewlieni tal-pajjiż. Minn dawn, EUR 18,5 miljun ġew provduti sa nofs Diċembru 2013, hekk kif il-vjolenza interkomunali żdiedet b'mod drammatiku wara l-5 ta' Diċembru 2013, u dan ġiegħel mijiet ta' eluf fil-kapitali Bangui u madwar il-pajjiż kollu biex jaħarbu minn djarhom. Il-maġġoranza tal-azzjonijiet finanzjati kienu ffukati fuq attivitajiet li jsalvaw il-ħajja. Il-fondi kienu allokat i-aktar għal proġetti tas-saħħa biex daww l-aktar vulnerabbli jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kura tas-saħħa primarja u sekondarja peress li s-settur tas-saħħa pubblika huwa kważi ineżistenti fil-parti l-kbira tal-pajjiż. Barra minn hekk, l-UE organizzat titjiriet ripetuti fil-pajjiż biex tgħin fit-trasport tal-għajnuna umanitarja u l-persunal tal-għajnuna f'ambjent ta' sigurtà diffiċli ħafna. L-UE organizzat titjiriet speċjali mill-Ewropa li ġarrew 37 tunnellata fi provvisti mediċi, u żewġ titjiriet minn Najrobi li wasslu kenn u oġġetti ta' emerġenza lil aktar minn 100 000 persuna spustata (kutri u oġġetti bażiċi tad-dar bħal għodod tal-kċina, sapun, xbieki tan-nemus). Sabiex tintervjeni malajr, l-UE xtrat direttament u baġħtet aktar minn fuq 20 000 folja tal-plastik biex jinbena kenn għal persuni spustati f'Bangui u wkoll fil-kampanja. http://ec.europa.eu/echo/files/aid/countries/factsheets/car_en.pdf

Matul is-sena, l-UE żammet il-fokus partikolari tagħha fuq il-**"kriżijiet minsija"** tad-dinja, u allokat 15 % tal-finanzjament kumplessiv biex tgħin lil nies maqbuda f'diżastri li ta' spiss ikunu fit-tul, u li fil-biċċa l-kbira ma jkollhomx l-attenzjoni tal-komunità internazzjonali.

Ir-reazzjoni tal-UE għall-kriżijiet baqgħet immotivata mill-ħtiġijiet u kienet imfassla għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull sitwazzjoni. Ingħatat għajnuna b'diversi mezzi u f'diversi setturi bħas-saħħa (inkluż appoġġ psikoloġiku, finanzjar ta' kliniċi), il-protezzjoni (inkluż attivitajiet li jindirizzaw il-vjolenza sesswali), l-ikel u oġġetti mhux tal-ikel, il-kenn, l-ilma/is-servizzi sanitarji, ir-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni. It-tabella turi d-distribuzzjoni tal-għajnuna f'kull settur ta' intervent fl-2013:¹⁸



¹⁸ Dan it-tqassim huwa simplifikat fis-sens li jassoċja l-proġetti ma' settur wieħed uniku. Fil-prattika, il-maġġoranza tal-proġetti huma marbuta ma' aktar minn settur wieħed. Pereżempju, iċ-ċifra għat-tħejjija għad-diżastri (DP) (5,49 %) tirreferi għal daww il-proġetti finanzjati mill-UE primarjament marbuta mat-tħejjija tad-diżastri. Madankollu, jekk inqisu l-kuntratti kollha inkluż komponenti sinifikanti għat-tħejjija għad-diżastri imma li s-settur prinċipali tal-intervent għalihom mhuwiex DP, nilħqu total ta' 15 %.

Tħejjija għad-diżastri u reżiljenza

L-importanza li jinbnew l-istat ta' preparazzjoni u l-elastiċità ta' komunitajiet vulnerabbli hija murija mill-impatt dejjiemi fuq il-ħajja u l-għajxien fis-segwitu ta' kriżijiet kbar, bħat-terremot tal-2010 fil-Ħaiti u n-nixfa rikorrenti fil-Qarn tal-Afrika u s-Saħel. Dawn id-diżastri juru kemm huwa kruċjali li jiġu indirizzati kif suppost ir-riabilitazzjoni fit-tul u l-bżonnijiet ta' żvilupp fl-istadji bikrin ferm tar-reazzjoni umanitarja. Sabiex jitnaqqas l-impatt devastanti ta' diżastri rikorrenti u jittiebu ġenwinament il-prospetti għall-iżvilupp sostenibbli, huwa essenzjali li l-atturi umanitarji u tal-iżvilupp jaħdmu id f'id. Il-Kummissjoni, permezz tal-ECHO u l-EuropeAid, żiedet l-isforzi f'termini ta' bini tar-reżiljenza fil-pajjiżi vulnerabbli għall-kriżijiet. Il-Komunikazzjoni tar-Reżiljenza tal-Kummissjoni u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha jipprovdu l-politika u l-qafas operazzjonali biex jiżiedu l-isforzi tal-UE għall-bini tar-reżiljenza f'livelli differenti u f'ambitu ġeografiku estiż.

Fl-2013, il-Kummissjoni ssuktat bl-isforzi tagħha biex tippromwovi inizjattivi tar-reżiljenza, bħalma huma l-inizjattivi ewlenin AGIR u SHARE¹⁹, li għandhom l-għan li jżidu t-tħejjija tal-pajjiżi tal-Lvant u tal-Punent tal-Afrika għal diżastri naturali rikorrenti. <http://ec.europa.eu/echo/en/what/humanitarian-aid/resilience>

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri biex tiżviluppa pożizzjoni tal-UE biex tgħin tiffirma reviżjoni ambizzjuża tal-**Qafas għal Azzjoni ta' Hyogo**, li għandu jiġi miftiehem f'konferenza internazzjonali fl-2015, billi tuża wkoll l-esperjenza u l-kisbiet fl-Ewropa, u bil-ħsieb li jkun hemm aktar sinerġiji bejn it-tnaqqis tar-riskji tad-diżastri u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, bħala parti mis-sistema umanitarja internazzjonali, l-UE kellha rwol ewlieni fl-inkoraġġiment ta' pajjiżi u reġjuni oħra biex iżidu s-sehem tagħhom fit-tħejjija u r-reazzjoni umanitarja. Dan kien jinkludi ħidma ma' ekonomiji emerġenti sabiex jiġu mobilizzati b'mod aktar effettiv riżorsi għal azzjoni umanitarja u r-reazzjoni għad-diżastri.

Tfal tal-Paċi tal-UE

Bl-inizjattiva Tfal tal-Paċi tal-UE, l-UE wettqet l-impenn tagħha li tgħin tfal madwar id-dinja li qed jiġu mċaħħda milli jikbru fil-paċi. L-inizjattiva, li tnediet fl-2012 wara li l-UE ngħatat il-Premju Nobel għall-Paċi, iffinanzjat inizjattivi edukattivi għal aktar minn 28 000 tifel u tifla vittmi ta' kunflitti mill-Pakistan, l-Etjopja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Kolombja, u refuġjati Sirjani fl-Iraq. Il-proġetti jipprovdu lit-tfal b'aċċess għal ambjent sikur għat-tagħlim, kif ukoll b'appoġġ psikoloġiku biex ifejjaq l-esperjenzi tal-gwerra trawmatiki tagħhom. F'Novembru 2013, l-UE kkonfermat id-deċiżjoni tagħha li tkompli u tħaffef l-inizjattiva billi ħabbret fondi addizzjonali għal proġetti ġodda fl-2014 li jimmiraw li jassistu 80 000 tifel u tifla. <http://ec.europa.eu/echo/en/what/humanitarian-aid/children-of-peace>

Rabta ma' strumenti oħra tal-UE

L-operazzjonijiet ECHO jagħmlu sforz biex ikunu koerenti u komplimentarji ma' azzjonijiet finanzjati minn strumenti oħra tal-UE. Abbażi tal-azzjonijiet DIPECHO preċedenti, l-Istrument għall-Istabbiltà ffinanzja 3 000 "brigadier" f'Ħaiti sabiex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' reazzjoni tal-istrutturi pubbliċi tal-protezzjoni ċivili. Eżempju ieħor huwa l-kontribuzzjoni tal-azzjonijiet ta' emerġenza ffinanzjati mill-UE għal żvilupp fuq perjodu ta' żmien twil: kennijiet resistenti għaċ-ċikluni għandhom duratura ta' aktar minn għaxar snin u b'hekk jipprovdu lis-superstiti

¹⁹ SHARE - Appoġġ għar-Reżiljenza tal-Qarn tal-Afrika

b'dar lil hinn mill-ewwel fażi tal-emerġenza; attivitajiet li jiġġeneraw dħul finanzzjati mill-UE, flimkien ma' sussidji tal-kiri, f'ħafna każijiet jikkontribwixxu biex jiġu restawrati l-mekkaniżmi biex wieħed jgħaddi u għal attivitajiet ekonomiċi sostenibbli fuq skala żgħira. L-ERCC sostna Stati Membri tal-UE u sħab assoċjati matul diżastri u kriżijiet fit-territorju tal-Unjoni u lil hinn minnu permezz tas-servizz tal-Immaniġġjar tal-Emerġenzi Copernicus, li huwa mmaniġġjat mill-Kummissjoni Ewropea. L-ERCC bbenefika wkoll mill-appoġġ analitiku u tekniku, tas-servizz xjentifiku intern tal-Kummissjoni, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Fl-aħħar nett, ir-reazzjoni diretta tal-għajnuna umanitarja tal-UE u l-miżuri ta' kontroll fir-rigward tal-epidemiji tal-kolera kienu implimentati flimkien mal-proġetti tal-infrastruttura tal-bini ta' istituzzjonijiet finanzzjati permezz tal-istrumenti tal-iżvilupp tal-UE.


OPERAZZJONIJIET TA' PROTEZZJONI ĊIVILI

Il-Kummissjoni tistinka biex tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn it-32 stat parteċipanti fil-**Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE** sabiex tiġi mtejbja l-prevenzjoni ta', it-tnejja għal u l-protezzjoni kontra d-diżastri naturali, teknoloġiċi jew magħmula mill-bniedem, kemm ġewwa u kemm barra l-Ewropa.

Il-**Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE (EUCPM)** ġie attivat **36 darba** matul l-2013, inkluż għal talbiet għal assistenza, għal twissijiet minn qabel, u monitoraġġ. Il-maġġoranza ta' dawn l-attivazzjonijiet kienu relatati ma' diżastri naturali (temp taħin, tempesti, nirien forestali, għargħar, ċikluni tropikali, terremoti, tsunamijiet), u 10 kienu jinvolvu diżastri magħmula mill-bniedem (l-istabbiliment ta' kampijiet għar-refuġjati minħabba inkwiet ċivili, inċidenti kimiċi u tat-trasport). Saru erba' talbiet għal assistenza minn stati parteċipanti u 12-il talba li wasslu minn pajjiżi li mhumiex fl-EUCPM.

Iċ-Ċentru l-ġdid tal-**Koordinazzjoni tar-Reazzjonijiet ta' Emerġenza (ERCC)**, li ġie stabbilit fl-ECHO f'Mejju 2013, bħala s-suċċessur taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Infurmazzjoni (MIC), huwa l-qalba operazzjonali tal-EUCPM. L-assi ewlenin tiegħu huma: il-kapaċità li jittratta ma diversi emerġenzi fl-istess ħin f'żoni ta' ħin differenti; li jimmonitorja l-perikli 24/7; li jiġbor u janalizza infurmazzjoni dwar id-diżastri f'ħin reali; li jipprepara pjanijiet biex jintużaw esperti, timijiet u tagħmir; u li jaħdem mal-Istati Membri biex jimmappja l-assi disponibbli u jikkoordina l-isforzi tar-reazzjoni għad-diżastri tal-UE billi jqabbell l-offerti ta' assistenza mal-ħtiġijiet tal-pajjiż milqut mid-diżastru. L-ERCC jaġixxi bħala ċentru ta' infurmazzjoni u punt fejn isiru t-talbiet għal assistenza mill-Istati Membri tal-UE.

L-ERCC għandu wkoll rwol importanti fil-promozzjoni, tas-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet li jkun jirrikjedu reazzjoni għad-diżastri, fil-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet l-oħra u l-Istati Membri.




Stat ta' Monitoraġġ: Is-Sudan t'*Isfel-Kunflitt intern* (25.12.2013- fis-seħħ); Ewropa-Maltemp Tramunta tal-Ewropa (05.12.2013-fis-seħħ); Itolja-Għargħar Sardenja (19-27.11.2013); Ewropa-Maltempata Christian-Jude(28.10-06.11.2013); L-Indja CT PHAILIN-13 (13-23.10.2013); Iċ-Ċina – CT USAGI-13 (21-27.09.2013); Il-Gżejjer Solomon – *Terrimot* (06.02.2013); Il-Federazzjoni Russa – *Meteorite* (15.02.2013); Franza – *Borra qawwija* (11.03.2013); L-Islanda – *Attività Vulkanika* (26.03.2013); L-Iran – *Terrimot* (09.04. u 16.04.2013); Iċ-Ċina – *Terrimot* (20.04.2013); L-Italja – *Terrimot* (21.06.2013); Franza – *Incident Ferrovjarju* (12. 07. 2013); Is-Sirja – *Inkwiet Ċivili* (fis-seħħ); Il-Turkija – *Refuġjati Sirjani*;
Stat ta' Prealert(messaġġ ta' twissija bikri): Repubblika Ċentru-Afrikana- Kriżi (15.12.2013-fis-seħħ), Franza – Incident Kimiku (22.01.2013); L-Italja – *Terrimot* (21.06-06.07.2013); Franza – Incident ferrovjarju /tat-traffiku (12.07.2013)

Fir-rigward tad-**diżastri naturali** fl-2013, il-Mekkaniżmu ġie attivat b'reazzjoni għaċ-ċikluni tropikali fil-Filippini, il-Mjanmar, il-Madagaskar; għargħar fl-Ewropa Ċentrali, u fin-Niġerja; nirien forestali fil-Portugall, il-Bożnja u Herzegovina u kundizzjonijiet ta' temp ħażin fit-Tramuntana tal-Ewropa.

Il-pajjiżi parteċipanti fl-EUCPM offrew assistenza lill-Ġordan, il-Libanu u l-Bulgarija biex jgħinu fl-isforzi tal-gvernijiet nazzjonali sabiex jindirizzaw il-fluss tar-refuġjati fit-territorju tagħom b'riżultat tal-kriżi tas-Sirja. **Il-kumplimentarità bejn l-għoti tal-assistenza umanitarja u tal-protezzjoni ċivili** kienet żgurata f'dawn il-każijiet kollha.

Attivazzjonijiet tal-mekkamiżmu għal tipi differenti ta' perikli fl-2013



Bħala parti mill-politika tal-protezzjoni ċivili, u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għenet ukoll fit-tnejn għad-diżastri u fl-attivitajiet ta' prevenzjoni fl-UE. Dan kopra fost l-oħrajn taħriġ tal-persunal tal-protezzjoni ċivili u eżerċizzji ta' simulazzjoni fuq skala kbira, skambju ta' esperti, u proġetti ta' kooperazzjoni dwar il-prevenzjoni u t-tnejn.

Fl-2013, b'appoġġ għall-operazzjonijiet fuq il-post, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri tal-UE u lill-utenti assoċjati b'referenza u l-qies tal-ħsara u b'mapep tal-gradazzjoni permezz tas-servizz ta' Copernicus (Servizz tal-Immaniġġjar ta' Emerġenza - Operazzjonijiet Inizjali - tal-GMES), li għalihom l-ERCC huwa l-uniku punt għal talbiet ta' attivazzjoni. Fl-2013, is-servizz ġie attivat 42 darba (li minnhom 18-il attivazzjoni kienu għal għargħar u 11-il attivazzjoni kienu relatati ma' kriżijiet tar-refuġjati u ta' Persuni Spostati Internament) u ħejjiet mapep derivati mis-satelliti għal diversi tipi ta' diżastri jew kriżijiet.

RIŻORSI UMANI U FINANZJARJI

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-għajnuna umanitarja tal-UE **qabżet il-EUR 1,3 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn** fil-baġit tal-UE. Dan intlaħaq permezz ta' żidiet sostanzjali tal-ammont inizjali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u żieda ugwali fl-għadd ta' interventi u vittmi mil-ħuqa. Madankollu, iż-żidiet fl-appropriazzjonijiet ta' pagament, minkejja li kienu sostanzjali, ma ppariġgawx għal kollox il-ħtiġijiet identifikati li rriżultaw mill-impenji legali (kuntratti) preċedenti u ġodda.

Matul l-2013, il-Kummissjoni għalhekk waqqfet serje ta' miżuri *ad hoc*, essenzjalment billi rranġat mill-ġdid l-iskedi ta' pagament, sabiex jiġu indirizzati dawn ir-restrizzjonijiet finanzjarji. Id-Direttur Ġenerali tal-ECHO (bħala l-Uffiċjal

Awtorizzanti b'Delega), b'rispett sfih tal-prinċipju tal-immaniġġjar finanzjarju tajjeb, ippreżenta talbiet biex jissaħħa il-baġit u ħa miżuri ta' mitigazzjoni *ad hoc* biex jimmaniġġja l-livell insuffiċjenti tal-appropriazzjonijiet ta' pagament, li inkludew it-tnaqqis fl-avanz tal-pagamenti (prefinanzjament) u l-posponiment ta' pagamenti finali. Dan żgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet u ppermetta lill-Kummissjoni tilħaq l-objettivi operazzjonali tagħha, għalkemm l-impatt finanzjarju ta' dawn il-miżuri ħoloq xi problemi fil-fluss tal-flus, speċjalment għal xi wħud mill-NGOs iżgħar sħab.

Madwar 98 % tal-baġit umanitarju u tal-protezzjoni l-ċivili tal-UE tal-2013 intuża għal attivitajiet operazzjonali, filwaqt li madwar 2 % koprew l-aspetti amministrattivi u ta' politika. Fir-rigward tar-riżorsi umani, 53 % huma persunal operazzjonali, filwaqt li l-bqija huma maqsumin bejn l-appoġġ amministrattiv u ta' politika.

Livelli rekord ta' assistenza kienu possibbli grazzi għal żieda kumplessiva fil-produttività li rriżultat mir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri, is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi. Din l-ottimizzazzjoni kienet ir-riżultat tal-"Analiżi tal-Proċess tal-Operat" interna li tnediet fl-2011. Din l-analiżi kienet prijorità maniġerjali ewlenija f'dawn l-aħħar snin bil-għan li tottimizza l-proċessi tal-operat u s-sistemi ta' appoġġ biex jiżiedu kemm l-effiċjenza kif ukoll il-kwalità/effikaċja fl-ECHO kollu. L-għan aħħari huwa li jitjeb il-mod li wieħed ikampa bih f'każ ta' diżastru, biex b'hekk jitnaqqas l-impatt devastanti fuq il-popolazzjonijiet affettwati u l-għajxien tagħhom.

Ingħataw fondi tal-UE lir-regġuni li ġejjin (ċifri arrotonditi, f'miljuni ta' EUR f'appropriazzjonijiet ta' impenji):²⁰

²⁰

Għall-protezzjoni ċivili l-figuri fit-tabella mhumiex maqsumin skont il-pajjiż/reġjun.

ECHO 2013 IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

Reġjun/pajjiż	Ammont	%
Afrika	544	40%
is-Sudan & is-Sudan t'Isfel	97	
I-Afrika Ċentrali	151	
il-Qarn tal-Afrika	108	
in-Nofsinhar tal-Afrika, I-Oċejan Indjan	6	
Il-Punent tal-Afrika	182	
il-Lvant Nofsani, il-Mediterran	435	32%
il-Lvant nofsani	425	
il-Mediterran	10	
I-Asja, il-Paċifiku	186	14%
I-Asja Ċentrali and tal-Lbiċ	82	
Iċ-Ċentru tan-Nofsinhar tal-Asja	34	
I-Asja tax-Xlokk u I-Paċifiku	70	
I-Amerika Ċentrali & Latina, il-Karibew	56	4%
I-Amerika Ċentrali & Latina	31	
il-Karibew	25	
Diżastri madwar id-dinja	20	1%
Protezzjoni Ċivili	27	2%
FI-UE	20	
lil hinn mill-UE	7	
Operazzjonijiet kumplimentari	85	6%
TOTAL	1,353	100%
	(f'EUR miljuni)	

Il-biċċa l-kbira tal-fondi tal-UE fl-2013 kienu, b'has-snin preċedenti, allokati lill-Afrika (40 %). Ingħatat ukoll assistenza sostanzjali lil-Lvant Nofsani (is-Sirja u I-pajjiżi ġirien), u lill-Asja Ċentrali u tax-Xlokk għal diżastri naturali li laqtu hemmhekk.

L-UE ma timplimentax programmi ta' assistenza umanitarja hija stess.²¹ Bħala donatur ta' għajjnuna umanitarja, l-UE tissodisfa l-missjoni tagħha billi tiffinanzja azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet sħab li ffirmaw Ftehim ta' Qafas

²¹ Operazzjoni waħda tiġi operata direttament, jiġifieri l-programm tat-Titjiriet tal-ECHO fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Kenja biex tipprovdi appoġġ loġistiku f'reġjun suxxettibbli għal problemi ta' aċċess.

ta' Sħubija (FPA) mal-UE. Is-sħab tal-UE jinkludu firxa wiesa' ta' korpi professjonali — NGOs Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni tas-Salib I-Aħmar u varji aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti (li l-Kummissjoni ffirmat Ftehim ta' Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) magħhom). L-aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri jitqiesu wkoll bħala sħab.

Din il-firxa wiesgħa ta' sħab li jimplementaw, tippermetti lill-UE tkopri lista dejjem tikber ta' ħtiġijiet f'partijiet differenti tad-dinja, ħafna drabi f'sitwazzjonijiet li qed ikunu dejjem aktar kumplessi. L-għotjiet u l-kontribuzzjonijiet immaniġġjati mill-Kummissjoni jingħataw billi jintgħażlu l-aħjar proposti li jaslu. L-analiżi tal-2013 tal-ftehimiet umanitarji ffirmati kienet:

- 48 % tal-azzjonijiet imwettqa minn NGOs (115-il sieħeb)
- 42 % minn aġenziji tan-NU (16-il sieħeb)
- 9 % minn organizzazzjonijiet internazzjonali (3 isħab)
- 1 % bħala kuntratt dirett tat-titjiriet tal-ECHO (2 is-sħab).

Fl-2013 il-Kummissjoni kellha 321 membru tal-persunal jaħdmu fil-kwartieri ġenerali tagħha tal-ECHO fi Brussell. Barra minn hekk sabiex tkun f'pożizzjoni li tirrispondi għad-diżastri fil-pajjiżi mhux fl-UE, il-Kummissjoni żammet in-netwerk uniku tagħha ta' esperti fil-qasam tal-ECHO mifrux madwar id-dinja. 149 espert fil-qasam u 315-il membru tal-persunal lokali ammontaw biex fil-31 ta' Diċembru 2013 464 persuna kienu jaħdmu fid-39 uffiċċju fuq il-post tal-ECHO tal-Kummissjoni. Ir-responsabbiltà ewlenija tagħhom kienet li jwettqu valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet immedjatament wara diżastru, biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti umanitarji ffinanzjati mill-UE.

Mill-perspettiva tas-sigurtà, il-Kummissjoni ħadet aktar passi biex issaħħaħ is-sistemi tal-immaniġġjar tas-sigurtà u finanzjarji tagħha. Dan seħħ kemm fil-kwartieri ġenerali u kemm fuq il-post permezz ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni mtejba mas-sħab umanitarji, billi ġew immonitorjati u saru żjarat tal-proġetti, u billi saru kontrolli, awditjar u evalwazzjonijiet *ex-ante*.

POLITIKA TAL-GĦAJNUNA UMANITARJA U L-PROTEZZJONI ĊIVILI

Fl-2013 ġew żviluppati diversi **inizjattivi ta' importanza strateġika** fil-livell ta' politika. Il-prijoritajiet ta' politika fil-qasam tal-għajnuna umanitarja kienu l-effikaċja tal-għajnuna, l-orjentament lejn ir-riżultati u l-impatt. Dawn ġew definiti bħala prijoritajiet tal-immaniġġjar kemm għar-reviżjoni tal-Ftehimiet ta' Qafas ta' Sħubija tal-ECHO u kif ukoll għat-twaqqif ta' Ftehimiet ta' Delega ġodda għall-Immaniġġjar Indirett.

Fost l-attivitajiet ewlenin kien hemm l-iżvilupp ta' **gwiċċja ċara dwar kwistjonijiet tematiċi u intradixiplinarji** bħalma huma r-reżiljenza, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, WASH (water, sanitation and hygiene), il-ġeneru, in-nutrizzjoni u oħrajn, u d-disseminazzjoni mmirata, strateġiji ta' taħriġ u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti. Dawn l-attivitajiet jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli affettwata minn kriżi jiġu indirizzati b'mod effiċjenti u effikaċi. Barra minn hekk, saru sforzi konkreti biex tiġi ggwidata u mrawma l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Reżiljenza u l-konnessjoni bejn l-azzjonijiet umanitarji u tal-iżvilupp.

Fl-2013 kien hemm qbil dwar **leġiżlazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili riveduta**. Dan se jkompli jtejjeb l-ippjanar tal-operazzjonijiet ta' reazzjoni Ewropej għad-diżastri u jiżgura mmaniġġjar aktar effikaċi, effiċjenti u koerenti tad-diżastri fis-snin li ġejjin. Fost affarijiet oħra, il-leġiżlazzjoni l-ġdida tippermetti l-ħolqien ta' pula volontarja ta' assi tal-Istati Membri (timijiet, tagħmir) disponibbli għall-użu

immedjat bħala parti minn intervent Ewropew konġunt. Il-prevenzjoni u t-tnejn huma koperti wkoll mil-leġiżlazzjoni riveduta.

Fl-2013 intlaħaq qbil politiku dwar ir-regolament għall-istabbiliment tal-**programm tal-Voluntiera tal-Għajnuna** tal-UE. L-għan tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE huwa li jingħata kontribut biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni biex tipprovdi għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata lejn li tippriżerva l-ħajja, tipprevjeni t-tbatija umana u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn diżastru, partikolarment permezz tat-tnejn għad-diżastri, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri, u t-tisħiħ tar-rabta bejn is-sokkors, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp.

F'Diċembru 2013, ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ħarġu Komunikazzjoni Konġunta dwar "L-Approċċ Komprensiv tal-UE lejn il-Kunflitti u l-Kriżijiet Esterni", li tistabbilixxi għadd ta' passi konkreti li l-UE, kollettivament, għandha tiegħu fl-oqsma tat-twissija bikrija u t-tnejn, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-rispons u l-immaniġġjar tal-kriżijiet sa rkupru bikri, l-istabilizzazzjoni u l-bini tal-paċi. Filwaqt li f'dan il-kuntest is-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż l-ECHO, jikkoordinaw mill-qrib mas-SEAE, in-natura speċifika tal-għajnuna umanitarja (li hija bbażata fuq il-prinċipji umanitarji u fuq il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni affettwata) tiġi rikonoxxuta bis-sħiħ.

Iż-żieda tal-koerenza u l-koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha f'reazzjoni għal diżastru jew kriżi fit-tul hija element importanti biex tiġi mtejbja l-effiċjenza tal-kontribuzzjoni tal-għajnuna kumplessiva tal-UE. Mill-2009 l-koordinazzjoni mal-Istati Membri seħħet prinċipalment fil-**Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Għajnuna Umanitarja u Alimentari (COHAF)** li l-Kummissjoni tiegħu sehem fih. Fuq livell strateġiku, il-COHAF jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-koerenza u l-komplementarjetà tal-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Bħal fis-snin preċedenti, fl-2013 seħħ skambju annwali tal-politiki/strateġiji, l-informazzjoni u l-analiżi li għamlet il-Kummissjoni. Fl-2013 il-Kummissjoni żiedet ukoll l-isforzi tagħha biex issegwi u tikkontribwixxi għall-ħidma tal-kumitati tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew kien infurmat rigward l-inizjattivi u l-prijoritajiet tal-politika, kif ukoll dwar ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għal kriżijiet speċifiċi.

F'Diċembru 2012, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor l-opinjoni tal-partijiet interessati dwar l-isfidi, l-oġettivi u l-alternattivi biex titkabbar aktar l-effettività u l-impatt tal-għajnuna umanitarja tal-UE. Hija qieset il-kuntest globali li qed jinbidel fil-bidu tas-seklu 21. Il-**konsultazzjoni mal-partijiet konċernati "Adattat għall-Għan"** ingħalqet f'Marzu 2013 b'55 risponsta, li rappreżentaw aktar minn mitt parti konċernata. Bħala segwitu, ġiet organizzata konferenza għall-partijiet konċernati f'Ġunju 2013 li laqgħet flimkien kważi mitt parteċipant. Huwa ppjanat li r-riżultati tal-konsultazzjoni jikkontribwixxu fl-oqsma rispettivi ta' politika bħar-reżiljenza, l-innovazzjoni u l-protezzjoni ċivili.

Il-**kooperazzjoni internazzjonali** hija vitali fis-sitwazzjoni umanitarja li qiegħda tinbidel dejjem aktar. Matul l-2013, l-UE kompliet titkellem f'forums multilaterali. B'involviment ewlieni fl-Aġenda Trasformativa, l-UE mmirat li ttejjeb ir-reazzjoni umanitarja kollettiva permezz ta' koordinazzjoni, tmexxija u responsabbiltà globali aħjar. Bl-adozzjoni tal-motto "Naġixxu flimkien għal dawk fil-bżonn", minn Lulju 2013 l-UE, permezz tal-Kummissjoni, qed tippresedi l-Grupp ta' Appoġġ tad-Donaturi tal-OCHA (ODSG) (il-mandat idum sa Lulju 2014). L-ODSG huwa mekkaniżmu importanti għall-konsultazzjoni mad-donaturi umanitarji dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA).

L-implimentazzjoni tal-**politika tal-assistenza umanitarja tal-ikel** ġiet ukoll segwita matul is-sena. L-impenn tal-UE lejn assistenza umanitarja tal-ikel

effettiva jintwera permezz tal-ħidma fuq il-Konvenzjoni tal-Assistenza Alimentari (FAC). B'konsolidazzjoni tar-rwol ċentrali li ħadet fin-negozjar tal-FAC, l-UE qed timmira li tiegħu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-FAC. Id-direzzjoni tal-politika tal-FAC rat bidla minn għajjnuna alimentari għal assistenza alimentari, il-promozzjoni ta' assistenza bbażata fuq flus, fejn adattat, u bl-użu tal-Konvenzjoni bħala pjattaforma biex titmexxa 'l quddiem l-aġenda politika u l-ideat u l-approċċi innovattivi f'fora internazzjonali.

Il-Kummissjoni baqgħet ukoll impenjata li ssostni l-iżvilupp u **ssaħħaħ it-tnejn uamanitarja u l-kapaċità ta' reazzjoni gobali kollettivi**. Fl-2013, EUR 21 miljun kienu għad-dispożizzjoni tal-programmi tal-kapaċità tar-reazzjoni umanitarja mtejbja, biex jgħinu 18-il proġett ġdid ta' bini tal-kapaċità għal perjodu massimu ta' sentejn. Dawn kienu qed jitwettqu mill-aġenziji tan-NU, NGOs u l-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u s-Soċjetajiet tan-Nofs Qamar Aħmar. Il-programmi jiffokaw fuq:

- *Struttura umanitarja globali mtejbja*: saret enfasi fuq it-tiżni tas-sistema tar-reazzjoni umanitarja, pereżempju billi ġew inkuraġġiti s-sinerġiji bejn is-sħab u l-ġbir flimkien ta' riżorsi u għodod (bħal timijiet ta' reazzjoni rapida) biex jiżguraw kontinġenza għall-funzjonijiet tal-aġenziji kap ta' raggruppamenti.
- *Assistenza tal-ikel u nutrizzjonali*: li jiġu appoġġjati l-inizjattivi li jżidu l-implimentazzjoni tal-Politika tal-Assistenza Umanitarja tal-Ikel Ewropea u l-koordinazzjoni f'dan ir-rigward.

KONKLUŻJONI

Matul l-2013, l-UE rreaġixxiet b'mod effikaċi għall-ħtieġa dejjem tikber għal reazzjoni ta' emerġenza u l-għajjnuna ta' sokkors madwar id-dinja kollha, u laqgħet aktar minn 120 miljun ruħ. L-UE rnexxielha żżomm il-livelli għolja ta' għajjnuna tal-2012 (aktar minn EUR 1,3 biljun²²) u rreaġixxiet għall-emerġenzi ewlenin kollha (is-Sirja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Filippini, is-Sahel, eċċ.) u rifdet ir-rwol tal-UE bħala d-donatur globali ewlieni fl-għajjnuna umanitarja.

L-għadd ta' diżastri madwar id-dinja qed ikompli jiżdid; xejra li mistennija tkompli bit-tibdil fil-klima. Dan jitlob azzjoni umanitarja dejjem aktar effiċjenti. Minħabba l-kuntast tal-kriżi ekonomika, saru aktar sforzi biex kull euro jintuża sew. Dan ma fissirx biss li jiġi żgurat li l-għajjnuna xierqa tasal għand dawk li jinsabu fl-aktar bżonn fil-ħin tajjeb, iżda wkoll li jinstabu modi biex isir aktar b'inqas. Fl-2013, enfasi sinifikanti kienet imqiegħda fuq iż-żieda fil-veloċità u l-effiċjenza u l-qtugħ tad-duplikazzjoni ta' proċessi u azzjonijiet.

Sar progress importanti fuq l-azzjoni tal-protezzjoni ċivili, inkluż il-ftuħ ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni ta' Emerġenza (ERCC) u l-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE dwar il-protezzjoni ċivili li ssaħħaħ bil-kbir l-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri fir-reazzjoni għad-diżastri. L-emerġenza fil-Filippini b'mod partikolari kienet ta' eżempju tat-taħlita b'suċċess ta' assistenza umanitarja u operazzjonijiet ta' protezzjoni ċivili, u kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Immedjatament wara li seħħ id-diżastru, l-Istati Membri kollha rreaġixxew pożittivament għat-talbiet għal għajjnuna li ġew ikkoordinati mill-ERCC u kkomplimentati mill-assistenza umanitarja u oħra fil-pront li tat l-UE.

Informazzjoni ġenerali dwar l-ECHO tinstab f'dan l-indirizz:

http://ec.europa.eu/echo/index_en.htm

²²

Il-Kummissjoni biss, mhumiex inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE.

Informazzjoni finanzjarja dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni fl-2013 fl-għajjnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili tinstab fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/echo/funding/key_figures/echo_en.htm

Informazzjoni operazzjonali mis-snin preċedenti tinstab fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/echo/about/annual_reports_en.htm